# Il-Ħadd 21.08.2022

1. Naturalment din il-ġimgħa għandna diversi ċelebrazzjonijiet marbuta mal-festa tal-parroċċa tagħna f'ġieħ San Pawl. Araw il-programm dettaljat fuq il-Fuljett speċjali li tqassam lilkom, u li qiegħed ukoll fuq:- il-website u l-facebook tal-parroċċa.
   Ma nittraskurawx il-qrar u s-sehem fil-quddies kif ukoll fil-funzjonijiet speċjali li ser ikollna fi-Knisja

2. Avviżi oħra:
   - Inħeġġiġkom biex matul il-jiem tal-festa, nagħmlu l-***bukkett li ma jinxifx***, jiġifieri li tagħtu offerta li tibqa' titgawda: din is-sena, dan il-bukkett li ma jinxifx ser imur b'risq ir-restawr tal-abbozz u tal-pulptu. Inħalli f'idejn il-ġenerożit¿ tagħkom biex dawn l-inizjattivi nwettquhom. Fuq noticeboard apposta diġ¿ hemm l-ewwel offerti.

3. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 210 bħala ġabra tal-Hadd li ghadda
   - € 120 bħala ġabra ta' Santa Marija
   - € 1365 bħala donazzjonijiet mill-envelopes bl-istess għan total miġbur sa issa huwa €5200
   - € 160 bħala donazzjoni b'risq il-manutensjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr. Grazzi.

# PROGRAMM TAL-FESTA F'ĠIEĦ SAN PAWL 2022

1. <u>**It-Tnejn 22/08 - JUM IS-SEJĦA NISRANIJA**</u>
   Fis-6:30pm Quddiesa mmexxija mill-Kappillan bis-sehem tas-Sorijiet Dumnikani, Sorijiet u Reliġjużi mill-parroċċa, u l-Abbatini, u li fiha ssir il-Preżentazzjoni tat-trabi lill-Appostlu missierna San Pawl. U wara jkun hem mil-ħruġ tal-vara

2. <u>**It-Tlieta 23/08 - JUM IT-TFAL U Ż-ŻGĦAŻAGĦ**</u>
   Fis-6:30pm Quddiesa mill-Kappillan bis-sehem tat-tfal u u ż-żgħażagħ li jħobbu l-Festa. Wara jkun hemm purcissjoni bix-xbieha ta' San Pawl zghir akkumpanjata mit-tfal u ż-żgħażagħ

3. <u>**L-Erbgħa 24/08 - L-EWWEL JUM TAT-TRIDU - JUM IR-RABTA PAWLINA**</u>
   Fid-9.30am Quddiesa għall-membri tas-Safi Day Centre, Dementia Centre u l-anzjani.
   Fis-6:30pm Quddiesa kantata bis-sehem ta' dawk li joqgħodu f'toroq imsemmija jew b'rabta ma' San Pawl, dawk li ġew joqgħodu Ħal Safi, u ĦalSafin li joqgħodu f'irħula oħra. Imexxi u jagħmel l-omeliji tal-jiem tat-Tridu, ir-Rev Mons Anton Gouder. Wara l-quddiesa jkun hemm il-Kurunella, l-Antifona u l-Barka Sagramentali. Iċ-ċelebrazzjoni tagħlaq bl-Innu ta' San Pawl.

4. **Il-Ħamis 25/08 - IT-TIENI JUM TAT-TRIDU - JUM L-GĦIXIEN FAMILJARI**

Fil-5:00pm Qrar.

Fis-6:30pm Quddiesa kantata bis-sehem ta' dawk il-koppji li qed jiċċelebraw l-1 sena, jew l-10/20/25/30/40/50 Anniversarju taż-Żwieġ tagħhom, biex iġeddu l-wegħdiet taż-żwieġ tagħhom. Imexxi ir-Rev Mons Anton Gouder. Wara l-quddiesa kollox bħall-jum ta' qabel.

5. **Il-Ġimgħa 26/08 - IT-TIELET JUM TAT-TRIDU - JUM L-GĦAQDIET U L-IMPENN NISRANI**

Fit-8:30am Tqarbin tal-Morda.

Fil-5:00pm Qrar.

Fis-6:30pm Quddiesa kantata bis-sehem tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali, flimkien mal-għaqdiet reliġjużi u dawk li jgħinnu fil-ħidma missjunarja. Imexxi r-Rev Mons Anton Gouder. Wara l-quddiesa kollox bħall-jum ta' qabel.

6. **Is-Sibt 27/08 - LEJLIET IL-FESTA**

Fit-8:00am Quddiesa minn Dun Tony Pace li fiha jitkanta l-Innu ta' Ringrazzjament, it-*Te Deum*.

Fil-5:00pm Qrar.

Fis-6.00pm Purcissjoni li titlaq mill-Knisja Parrokkjali għall-Knisja ta' Santa Marija

Fis-6:15pm Inċensazzjoni tar-Relikwa u Translazzjoni tar-relikwa mil-Knisja ta' Santa Marija għall-Knisja Parrokkjlai. Isir il-kant tal-Innu u tal-Antifona ta' San Pawl. Wara jsir il-kant tal-Għasar Solenni u ċelebrazzjoni Ewkaristika. Imexxi r-Rev. Kappillan

Fis-7:30pm Quddiesa ppreseduta mill-Kappillan stess.

7. **Il-Ħadd 28/08 - JUM IL-FESTA**

Fis-6:45am Quddiesa.

Fid-9:00am Quddiesa Solenni kkonċelebrata ta' Jum il-Festa mmexxija mill-Kappilla. Jinseġ il-Paniġierku il-Kan Anton Galea Scanura Kappillan ta' B'Buga.

Fis-6:00pm Quddiesa ċċelebrata mill-Kappillan Kan. Leonard Mintoff Viċi Parrokku tal-parroċċa ta' Raħal Ġdid Kristu Re.

Fis-7.15pm Tibda l-purċissjoni bl-istatwa titulari ta' San Pawl. Imexxi ir-Rev Kan Leonard Mintoff.

Fil-10.30pm Ninġabru fuq iz-zuntier u tinħaraq l-kaxxa nfernali u nilqgħu l-istatwa ta' San Pawl lura fil-Knisja. Fid-dħul tagħha titkanta l-antifona u tingħata l-barka Sagramentali.

Fil-Jiem tat-tridu u l-Festa l-muzika u l-Kor Sine Macula jkunu taħt id-direzzjoni ta' Mro Alexandra Borg.